# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR VINCENT DEGAETANO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 880/88 R**

**Francesco Saverio Borg**

**vs**

**Joseph Mallia; Direttur tax-Xogholijiet Pubblici; Chairman tal-Planning Area Permits Board (P.A.P.B.); Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Din is-sentenza hi l-ahhar kapitolu, dak konkluziv, minn maratona tal-proceduri inizjati minn Francesco Saverio Borg kontra Joseph Mallia u ohrajn li originaw mill-istess fatti. Il-Qorti sejra b'din is-sentenza tiddeciedi talba ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess attur Francesco Saverio

Borg minn sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Marzu, 1992, li taqra hekk:-

"Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla illi bih l-attur, wara illi ppremetta li l-attur hu proprjetarju tal-fond "Rubis", Triq is-Sajf, Hal-Qormi li jmiss mal-proprjeta` tal-konvenut Joseph Mallia; li skond il- premessi mahruga ghall-lokal hemm impost li jsir "front garden" ta' 3 metri b'hitan li ma jeccedux 1.2 metri gholi kif jidher mill-kopja tal-permessi mahruga mill- konvenuti l-ohra lill-attur ghall-bini tal-art tieghu (Dok. A); illi l-konvenut Joseph Mallia tella' bini fuq l-art tieghu li tmiss mal-fond tal-attur fuq imsemmi, li mhux skond il-Building Scheme u mhux skond il- permessi mahruga mill-konvenuti l-ohra billi ma halliex il-front garden ta' 3 metri kif impost bl-imsemmija permessi mahruga mill-konvenuti l-ohra kif jidher mic- certifikat tal-Perit Joseph Cuschieri (Dok. B) u mir-ritratti hawn annessi Dok. C u D; li ghalkemm il- konvenut Mallia bena mhux skond il-permessi u r- regolamenti fuq imsemmija, il-konvenuti l-ohra naqsu mid-dover u mill-obbligi taghhom li jiehdu l-passi u jinizjaw il-proceduri opportuni u jipprevalixxu ruhhom mill-poteri lilhom moghtija bil-ligi biex jigu osservati l-istess permessi u regolamenti u dan minkejja li gew ripetutament mitluba mill-attur anke permezz ta' Protest gudizzjarju prezentat fil-15 ta' Lulju, 1988 (Dok. E); u li l-attur ghandu interess li l-bini li jsir, isir skond il-"Building Scheme" u li l-permessi u r-regolamenti tal-bini imposti jigu osservati mill-proprjetarji l-ohra tal-lokal in kwistjoni; talab ghaliex ghar-ragunijiet premessi dika l-Qorti (1) ma ghandhiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut Joseph Mallia bena fuq l-art in kwistjoni mhux skond il-Building Scheme tal-lokal u kontra l-permessi u r- regolamenti mahruga u imposti mill-konvenuti l-ohra ghall-lokal in kwistjoni; (2) ma ghandhiex tordna lill-konvenut Mallia biex fi zmien qasir u perentorju jiddemolixxi kull bini li hu ghamel fuq l-art in kwistjoni li mhux skond il-Building Scheme u mhux skond il- permessi u regolamenti mahruga mill-konvenuti l-ohra kif intqal fuq; (3) ma ghandhiex tordna lill-istess konvenut Mallia li kull bini li ghad jibni fuq l-istess art ghandu jkun skond il-Building Scheme tal-lokal u skond il-permessi u r-regolamenti mahruga mill- konvenuti l-ohra ghall-lokal; (4) ma ghandhiex fin- nuqqas li l-konvenut Mallia jaghmel kif lilu ordnat skond it-tieni talba fiz-zmien lilu moghti, tordna lill-konvenuti l-ohra jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju jiehdu u jinizjaw il-passi u l- proceduri kollha opportuni biex jigu osservati l- permessi u r-regolamenti tal-bini ghall-art in

kwistjoni kif qabel imsemmi u skond il-Building Scheme, inkluz kull talba ghad-demolizzjoni tal-bini ezistenti li mhux skond il-Building Scheme u l-permessi u r-regolamenti mahruga kif qabel spjegat; u (5) fin-nuqqas li jsir skond it-tieni u r-raba talba, ma ghandhiex tawtorizza lill-attur biex taht id-direzzjoni ta' perit nominand a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom, jiddemolixxi u jwaqqa' kull bini fuq l-art in kwistjoni li mhux skond il-Building Scheme u skond il-permessi u r-regolamenti mahruga ghall-lokal kif qabel spjegat; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest tal-15 ta' Lulju, 1988 u b'riserva ghal kull azzjoni tad-danni spettanti lill-attur u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Mallia illi biha eccepixxa:

Preliminarjament il-karenza tal- interess legali, u dan kif cirkoskritta mill-objett (sic) tad-domanda u mill-motivi ndikati fic-citazzjoni;

Fit-tieni lok u ghal kull buon fini huwa bena in ottemperanza mal-permess lilu mahrug mill-permess tal-P.A.P.B. Numru 125/84/4606/83 datat 12 ta' Jannar, 1984;

F'kull kaz id-domandi attrici in kwantu diretti kontra tieghu ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Joseph Mallia;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet illi biha eccepixxa:- 1. illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija karenti minn fondament guridiku stante illi huwa irritu li azzjoni fejn effettivament qieghed jintalab rimedju naxxenti mill-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija li hu tassattivament riservat lill-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja tigi intavolata fil-Qorti odjerna li ghandha biss gurisdizzjoni ta' natura civili. 2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-karenza ta' interess guridiku da parte ta' l-attur biex jesperixxi din l-azzjoni anke ghaliex dan mhux wiehed mill-kazijiet li fih hi annessa l-azzjoni popolari u ghalhekk il- konvenut ghandu jigi liberat ab observantia. 3. illi subordinatament u minghajr

pregudizzju ghall-premess il-konvenut m'huwiex il- kontradittur idoneu ghat-talbiet ta' l-attur stante li huwa kompletament estraneu ghall-hrug tal-permessi tal-bini u ghalhekk ghandu wkoll jigi liberat mill- osservanza tal-gudizzju. 4. illi inoltre sallum huwa ghadu mhux fil-pussess ta' provi konkluzivi li jirrendu opportuni l-bidu ta' proceduri kriminali kontra l- konvenut l-iehor Joseph Mallia pero`, bhal ma jaghmel f'kull kaz simili meta jkollu l-provi kollha jekk ikun il-kaz, huwa jaghmel rapport lill-Pulizija sabiex din tkun tista' tiehu dawk il-passi li hi jidhrilha xierqa skond il-ligi. 5. Illi in vista tas-sueccepit hu m'ghandux ibati spejjez. Salvi eccezzjonijiet ohra; Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet; Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Chairman tal-Planning Area Permits Bord illi biha eccepixxa: 1. illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija karenti minn fondament guridiku stante illi huwa irritu li azzjoni fejn effettivament qieghed jintalab rimedju naxxenti mill-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija li hu tassattivament riservat lill-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja tigi ntavolata fil-Qorti odjerna li ghandha biss gurisdizzjoni ta' natura civili. 2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-karenza ta' interess guridiku da parte ta' l-attur biex jesperixxi din l- azzjoni anke ghaliex dan mhux wiehed mill-kazijiet li fih hi ammessa l-azzjoni popolari u ghalhekk il- konvenut ghandu jigi liberat ab observantia. 3. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-gudizzju mhux integru stante illi l-konvenut bhala Chairman tal-Bord ghal Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur m'ghandux ir- rapprezentanza guridika tal-membri l-ohra ta' l-istess Bord u ghalhekk qatt ma jista' jigi kkundannat jaghmel wahdu dak li hu marbut jaghmel ex lege flimkien mal- membri l-ohra ta' l-istess Bord. 4. illi in vista tas-sueccepit hu m'ghandux ibati spejjez. Salvi eccezzjonijiet ohra. Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Chairman tal-Planning Area Permits Board; Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija illi biha eccepixxa: 1. illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija karenti minn fondament guridiku stante illi huwa irritu li azzjoni fejn effettivament qieghed jintalab rimedju naxxenti mill-Kodici tal-ligijiet tal-Pulizija li hu tassattivament riservat lill-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja tigi ntavolata fil-Qorti odjerna li ghandha biss gurisdizzjoni ta' natura civili. 2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-karenza ta' interess guridiku da parte ta' l-attur biex jesperixxi din l- azzjoni anke ghaliex dan mhux wiehed mill-kazijiet li fih hi annessa l-azzjoni popolari u ghalhekk il- konvenut ghandu jigi liberat ab observantia. 3. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut m'huwiex il- kontradittur idoneu ghat-

talbiet ta' l-attur stante li huwa kompletament estraneu ghall-hrug tal-permessi tal-bini u ghalhekk ghandu wkoll jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. 4. illi sallum huwa ghadu mhux f'pussess ta' provi konklussivi li jirrendu opportuni l-bidu ta' proceduri kriminali kontra l-konvenut l- iehor Joseph Mallia pero`, bhal ma jaghmel f'kull kaz simili meta jkun fil-pussess tal-provi kollha huwa jiehu l-passi opportuni skond il-ligi. 5. illi in vista tas-sueccepit hu m'ghandux ibati spejjez. Salvi eccezzjonijiet ohra. Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija; Rat is-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 1989, illi biha laqghet l-eccezzjoni preliminari tal- konvenut Mallia ta' karenza ta' interess guridiku ta' l-attur biex jippromuovi l-kawza, bl-ispejjez kontra l-istess attur wara illi kkonsidrat: Il-konvenut Joseph Mallia eccepixxa preliminarjament il-karenza ta' interess legali u dan kif cirkoskritta mill-objett tad-domanda u mill-motivi tac-citazzjoni. Barra din l-eccezzjoni hemm eccezzjonijiet ohra kemm tal-konvenut Mallia kif ukoll tal-konvenuti l-ohra; li pero` l-Qorti mhix se tirrepetihom u dan ghaliex kif se jinghad din l- eccezzjoni preliminari jisthoqqilha li tigi akkolta u n-nuqqas ta' interess guridiku jittermina l-kawza. Ghalhekk riferenza ghall-iskritturi fil-process hija bizzejjed. Hemm fil-process esebiti zewg ritratti - dokumenti C u D fol. 10 li juru l-bini tal- konvenut Mallia billi dan ghandu l-kulur tal-gebla hafna aktar bajda minn dawk ta' ma' genbu - jew ghaliex huwa aktar gdid jew ghaliex gie mbajjad. Din hija d- dar li qeghda fin-nofs tar-ritratti u d-dar tal-attur hija dik li tidher fuq il-lemin tad-dar tal-konvenut - meta thares lejn ir-ritratt, u hija l-ewwel dar wara l-garage b'bieb mizbugh ahmar, fuq il-lemin estrem tar-ritratt. L-oggezzjoni ta’ l-attur hija ghal dak l-ispeci ta' gost li l-konvenut ghamel li bih inkwadra l-genb tal-bieb u ghamel gwarnica tal-gebel u fuq in-naha ta' fuq saqqfu u jigi baldacchin. Il-Qorti qed tuza din il-kelma ghaliex meta rat ir-ritratt ftakret f'definizzjoni ta' zminijiet ohra:- “quella che sta sopra il trono dei principi e dei presuli o sui letti signorili"; u hadet gost tosserva li ma' dan il-kliem ghandhom jizdiedu -

"e sulle porte d'ingresso delle case cittadine." Issa din il-kostruzzjoni - anki jekk ghall-grazzja tal-argument ma saritx in konformita` mal-permessi li hareg id-dipartiment kompetenti, - lill-attur - ma tippregudika b'ebda mod, ma tilledilu ebda dritt. Dan ifisser li l-attur irid jipprova li huwa ghandu interess guridiku biex jaghmel din il-kawza - haga li assolutament m'ghamilx.

Il-kostruzzjoni ghandha skop estetiku - speci ta' portiku rudimentali - li ma jistriehx la fuq pilastri u lanqas kolonni imma

fuq sporgenza limitat li qeghda kartabun mal-hajt tad-dar. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-fatt illi sar tant impenn u tant halla ta' hsieb u energija f'kawza bhal din, li haqqhom verament destin iehor u mhux dan li inevitabbilment irrikorrew. Dehrilha li hija obbligat li titlob lill-attur ripensament serju u guridiku - meta n-nuqqas ta' interess deher tant palezi, avolja huwa aspett negattiv. U minfok il-Qorti giet prezentata b'nota li hija wkoll munita b'certifikat tal-Perit Arkitett Richard Aquilina, li inkwantu jikkostitwixxi prova teknika "ex parte" huwa inammissibbli u ghandu jigi sfilzat;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l- atturipprezentata fit-tlieta (3) ta' Lulju, 1989.

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur ipprezentata fit-tmintax (18) ta' Lulju, 1989, illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla, fl-ismijiet premessi, moghtija fis-27 ta' Lulju, 1989, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal- konvenut Joseph Mallia, ipprezentata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju, 1989; Rat ir-risposta ta' l-appell tal- konvenuti l-ohra, ipprezentata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju, 1989; Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell; Ikkunsidrat: Illi l-aggravji ta' l-attur appellant huma s-segwenti:

1. illi bhala cittadin huwa ghandu interess illi jipprotegi l-proprjeta` tieghu u illi bhala proprjetarju tal-fond imsemmi fic-citazzjoni huwa ghandu kull interess illi l-lokal fejn jinsab dan il-fond jinzamm uniformi u skond il-building scheme imposta mill-awtoritajiet; 2. illi s-sentenza appellata mhix motivata;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel sejjer jigi trattat it-tieni aggravju ta' l-attur appellant peress illi jekk dan l-aggravju huwa fondat jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata; Illi l-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 jiddisponi, fost affarijiet ohra illi: "Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha......."; Illi, kif qal tajjeb il-konvenut appellat Joseph Mallia fir-risposta ta' l-appell tieghu "......huwa indubbju, anke minn ezami superficjali tas-sentenza illi din tissodisfa l-vot tal-

ligi"; Infatti, fis-sentenza appellata l- ewwel Qorti, wara illi individwat dwar liema parti mill-kostruzzjoni tal-konvenut Mallia l-attur qed jilmenta, qalet testwalment hekk: “Issa din il-kostruzzjoni - anki jekk ghall-grazzja tal-argument ma saritx in konformita` mal-permessi li hareg id-dipartiment kompetenti - lill-attur - ma tippregudika b'ebda mod, ma tilledilu ebda dritt. Dan ifisser li l-attur irid jipprova li huwa ghandu interess guridiku biex jaghmel din il-kawza - haga li assolutament m'ghamilx";

L-ewwel Qorti kkonkludiet illi la darba ma giet pruvata ebda lezjoni ta' dritt ta' l- attur appellant, "......in-nuqqas ta' interess deher tant palezi, avolja huwa aspett negattiv" u, in bazi ta' din il-konkluzjoni korretta, laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mallia ta' karenza ta' interess guridiku tal-attur biex jippromuovi l-kawza;

Illi, ghalhekk, it-tieni aggravju ta' l-attur appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel illi l-attur appellant kif jghid fl-ewwel aggravju tieghu, ghandu interess illi jipprotegi l-proprjeta` tieghu u illi l-lokal fejn jinsab dan il-fond jinzamm uniformi u skond il-building scheme imposta mill-awtoritajiet. Dan pero`, ma jfissirx illi fil-kawza odjerna l-attur appellant irnexxielu jipprova illi huwa ghandu interess guridiku illi jipproponi l-istess kawza. Fil-fatt, kif gia` inghad fil-konsiderazzjoni tat-tieni aggravju, l- ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta illi l- kostruzzjoni lamentata mill-attur ma tippregudikah b'ebda mod u ma tilledilu ebda dritt. La darba ma gie lez ebda dritt ta' l-attur appellant huwa m'ghandux interess guridiku illi jipproponi l-kawza odjerna;

Dan huwa tant evidenti - jew "palezi" kif jinghad fis-sentenza appellata illi din il-Qorti tapprezza u tifhem il-frustrazzjoni illi hasset l-ewwel Qorti illi spingietha biex fis-sentenza appellata tesprimi ruhha hekk:

"Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-fatt illi sar tant impenn u tant hala ta' hsieb u energija f'kawza bhal din, li haqqhom verament destin iehor u mhux dan illi inevitabbilment inkorrew";

Illi, ghalhekk, anqas l-ewwel aggravju ta' l-attur appellant ma huwa fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din l-istanza jigu sopportati mill-attur appellant".

**Ir-raguni ghar-ritrattazzjoni**

Ir-ritrattand Francesco Saverio Borg hekk immotiva t-talba tieghu biex din il-Qorti tisma' mill-gdid il-kawza ghaliex, fil-fehma tieghu, kien hemm ir-raguni li tiggustifika dan fit-termini tas-subinciz (e) ta' l-artikolu 811 ta' l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"9. Illi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li ma giet pruvata ebda lezjoni ta' dritt ta' l-attur appellant u n-nuqqas ta' dritt ta' l-attur appellant u n-nuqqas ta' interess da parti ta' l-istess attur kienet fil-fehma ta' l-attur wahda zbaljata billi proprju l-attur ghamel l-oppost, u cioe' wera tabilhaqq kif kellu interess u li sofra lezjoni tad-drittijiet proprjetarji tieghu, u dana jirrizulta manifestament mill-atti ta' l-istess kawza. Illi f'dana d-dawl l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mallia qatt ma kellha tintlaqa' u cioe' dik ta' karenza ta' interess guridiku ta' l-attur biex jippromwovi l-kawza.

10. Illi l-attur ipprova li d-dritt proprjetarju tieghu gie lez u li ghalhekk kellu kif ghad ghandu nteress guridiku li jipproponi l-kawza odjerna, iktar u iktar meta dina l-istess Qorti qablet fis-sentenza taghha dwar dak li tenna l-attur appellant fl-ewwel aggravju tieghu li a skans ta' ripetizzjoni qeghdha ssir riferenza ghalih kif jidher ukoll fil-kontenut ta' l-istess sentenza ta' l-24 ta' Marzu, 1992.

11. Illi pero' imbaghad l-attur zgur ma qabilx mal-mod kif dina l-Qorti kkonkludiet dwar l-ewwel aggravju tieghu, rigwardanti kemm kien fondat jew le. Illi ghalhekk l-attur lanqas ma seta' fic-cirkostanzi, jaqbel mas-sentenza ta' l-24 ta' Marzu, 1992, u wara li ezamina l-Artiklu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien tal- fehma li hemm lok ghall-procedura ta'

ritrattazzjoni a bazi ta' Artiklu 811 (e) u cioe li s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin kif hemm imfisser f'dak l-istess sub-artiklu (e).

12. Illi l-ligi li kien imissha giet applikata hija dik li thares id-drittijiet proprjetarji ta' kull cittadin u li biex ihares tali drittijiet meta miksura, ic-cittadin ikollu jirrikorri ghall-protezzjoni quddiem il-Qorti meta rimedji ohra jisfumawlu fix-xejn kif sehh fil-kaz odjern".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti trid qabel xejn tiddeciedi jekk kienux jezistu jew le ragunijiet validi fil-ligi biex tigi annullata s-sentenza taghha ta' l-24 ta' Marzu, 1992, minhabba r-raguni avanzata mir-ritrattand. Hu biss jekk tasal ghall-konvinciment li tali raguni tezisti li din il-Qorti setghet tghaddi biex tisma' mill-gdid il-kawza. Il-bazi li fuqha r-ritrattand qed jaghmel it-talba tieghu hi dik fid-dispost tal-paragrafu (e) ta' l-art. 811 tal-Kap 12 li jippermetti smiegh mill-gdid tal-kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell f'kaz li dik is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Subinciz dan li gie ampjament kommentat mill-gurisprudenza anke dik recenzjuri u ma hux il-kaz li hawn din il-Qorti tirriproduci l-linji saljenti taghha billi dawn huma, jew messhom ikunu, ben maghrufa. Jinghad biss li seta' jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni tal-ligi li

fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni (Vol. XXXII, P.I, p.309; Vol. XLIII, P.I, p.264 u bosta ohrajn).

Fis-sentenza f'din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "George Xuereb vs. Dorothy Xuereb" deciza fl-20 ta' Jannar, 1992 gew enuncjati s-segwenti principji pertinenti ghall-kaz taht ezami "Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e) jekk fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati l-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun propjament applikat. Huwa infatti ghalhekk li l-art. 816 tal-Kap 12 meta jispecifika x'ghandu jkun fih l-att promotorju ta' ritrattazzjoni, bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hi l-applikazzjoni hazina tal-ligi, "l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messa giet applikata".

Infatti r-ritrattand fil-kaz taht ezami, konxju minn dan ir-rekwizit, jghid li l-ligi li kien messa giet applikata hija dik li thares id-drittijiet proprjetarji ta' kull cittadin, u li biex ihares tali drittijiet meta miksura c-cittadin ikollu jirrikorri ghal petizzjoni quddiem il-Qorti meta rimedji ohra jisfumawlu fix-xejn. Din il-motivazzjoni tar-ritrattand hi identika ghall-motivazzjoni li hu ghamel f'kawza ohra b'mertu konness fl-ismijiet "Francesco Saverio Borg vs. Paul Bugeja et", deciza minn din il-Qorti, wkoll finalment fuq rikors ghal ritrattazzjoni da parti ta' l-istess ritrattand, b'sentenza tas-7 ta'

Ottubru, 1996.

Hu bizzejjed allura ghal din il-Qorti li tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet taghha f'dik is-sentenza biex testerna l-konvinciment taghha illi t-talba ghal smiegh mill-gdid f'din il-kawza, hu ghal dawk l-istess ragunijiet insostenibbli. Dan ghaliex ma jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti li setghu jawtorizzaw ir-ritrattazzjoni fit-termini tas-subincis (e) ta' l-art. 811. Infatti f'dik is-sentenza gie osservat li "is-sentenza appellata waqt li kkonfermat il-konkluzzjoni fis-sentenza ta' l-ewwel grad, u l-konsiderazzjonijiet li mmotivawha, interpretat dawk il-ligijiet (fir-rigward tal-proprjeta') meta ddecidiet tajjeb jew hazin illi mhix permessa l-*actio popolaris* biex tigi assigurata l-osservanza tar-regolamenti tal-bini applikabbli ghal-lokal, kif ukoll meta ddecidiet illi l-fatti tal-kaz kif provati mill-attur ma kienux tali li jilledu li d-drittijiet proprjetarji tieghu jew jikkagunawlu danni rizarcibbli bil-ligi". Motivazzjoni din li indubbjament ma kienet xejn hlief interpretazzjoni tal-ligijiet korrettement applikabbli ghall-fatti fil-kawza. Interpretazzjoni li ma setghetx tkun l-oggett ta' rikonsiderazzjoni mill-gdid minn din il-Qorti. Dan propju ghaliex "l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghal interpretazzjoni, razjocinju jew argumenti". (Vol. XLII, P.I, p.227 u bosta ohrajn).

Ghal dawn ir-ragunijiet, kif ukoll ghar-ragunijiet espressi minn din il-Qorti fis-sentenza taghha “Francesco Saverio Borg vs. Paul Bugeja et”, (Citaz. 881/88) fuq riferita, it-talba tar-ritrattand ghar-ritrattazzjoni qed tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Dep/Reg

mm